MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Numru 798/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**Vs**

Saviour Sammut
Joseph Zammit

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputati Saviour Sammut karta ta' identita' numru 274267(M) u Joseph Zammit karta ta' identita' 78967(M), akkuzati talli:

F'Tas-Sliema nhar it-13 ta' Novembru 2003 ghall-habta tal-10:00 p.m., volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immoblli, u cioe' ghamlu hsara fuq aperturi f'residenza li tinsab Triq Gafar,

Sliema, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500, ghad-dannu ta’ Rose Aquilina.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet l-imputati jirregistraw ammissjoni li insistew fuqa anka meta l-Qorti taghtom zmien jikkunsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-imputati huma akkuzati li wettqu hsara volontarja li teccedi l-Lm50 izda mhux Lm500 ghad-dannu ta’ Rose Aquilina.

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom tiddikjarahom u ssibhom hatja. Ikunsidrat ghal finijiet ta’ piena li l-imputati halsu l-hsara kollha. Rat l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 u fic-cirkostanzi tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor zmien sitt xhur mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------